**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għas-Sajd*

**2025/0106(COD)**

11.12.2025

# EMENDI
# 272 - 323

**Abbozz ta' rapport**
**Thomas Bajada**
(PE779.561v01-00)

L-implimentazzjoni fid-dritt tal-Unjoni ta' miżuri adottati minn diversi Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd

Proposta għal regolament
(COM(2025)0195 – 2025/0106(COD))

**Emenda 272**
**Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Fit-28 Laqgħa Regolari tagħha fl-2023, l-ICCAT adottat ukoll miżuri ta' kontroll għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha relatati mal-iskambju ta' kwoti bejn l-Operazzjonijiet Konġunti tas-Sajd, in-notifika minn qabel tal-ħatt l-art, il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta' trasferiment tat-tonn permezz ta' video camera, l-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ, u attivitajiet ta' kontroll fil-farms tal-ħut wara t-tqegħid fil-gaġeġ. | (4) Fit-28 Laqgħa Regolari tagħha fl-2023, l-ICCAT adottat ukoll miżuri ta' kontroll għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha relatati mal-iskambju ta' kwoti bejn l-Operazzjonijiet Konġunti tas-Sajd, in-notifika minn qabel tal-ħatt l-art, il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta' trasferiment tat-tonn permezz ta' video camera, l-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ, u attivitajiet ta' kontroll fil-farms tal-ħut wara t-tqegħid fil-gaġeġ***; madankolluimportanti li dawn il-miżuri jiġu applikati b'mod proporzjonat u abbażi ta' data xjentifika aġġornata, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn għall-flotot Ewropej, b'mod partikolari dawk li diġà huma soġġetti għal restrizzjonijiet severi ħafna bħal dawk fil-Mediterran tal-Punent.*** |

Or. es

**Emenda 273**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Fit-28 Laqgħa Regolari tagħha fl-2023, l-ICCAT adottat ukoll miżuri ta' kontroll għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha relatati mal-iskambju ta' kwoti bejn l-Operazzjonijiet Konġunti tas-Sajd, in-notifika minn qabel tal-ħatt l-art, il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta' trasferiment tat-tonn | (4) Fit-28 Laqgħa Regolari tagħha fl-2023***, kif ukoll fl-24 Laqgħa Speċjali tagħha fl-2024***, l-ICCAT adottat ukoll miżuri ta' kontroll għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha relatati mal-iskambju ta' kwoti bejn l-Operazzjonijiet Konġunti tas-Sajd, in-notifika minn qabel tal-ħatt l-art, il- |

| | |
|---|---|
| permezz ta’ video camera, l-operazzjonijiet ta’ tqegħid fil-gaġeġ, u attivitajiet ta’ kontroll fil-farms tal-ħut wara t-tqegħid fil-gaġeġ. | monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta’ trasferiment tat-tonn permezz ta’ video camera, l-operazzjonijiet ta’ tqegħid fil-gaġeġ, u attivitajiet ta’ kontroll fil-farms tal-ħut wara t-tqegħid fil-gaġeġ. |

Or. en

**Emenda 274**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(5) Dawk il-miżuri huma vinkolanti għall-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 275**
**Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-applikazzjoni ta’ dawn il-miżuri ta’ ġestjoni fil-Mediterran trid tkun konsistenti mal-objettiv strateġiku tal-Unjoni dwar is-sovranità tal-ikel; f’kuntest fejn il-Kummissjoni qed tipproponi tnaqqis drastiku fl-isforz tas-sajd sal-2026 fil-Mediterran tal-Punent (sa 64 % għat-tkarkir), huwa imperattiv li t-traspożizzjoni tar-regoli internazzjonali ma żżidx saffi ta’ kumplessità li jaċċelleraw iż-żarmar tal-flotta, peress li dan iżid b’mod irriversibbli d-dipendenza mill-importazzjonijiet tal-prodotti tal-baħar minn pajjiżi ġirien.*** |

Or. es

**Emenda 276**
**Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fil-laqgħat annwali tagħha tal-2018, tal-2019, tal-2020, tal-2021, tal-2022, tal-2023 u tal-2024, il-Kummissjoni SPRFMO adottat miżuri ulterjuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha relatati mas-sajd tal-qiegħ, it-trażbord, l-għeżula, il-programmi ta' osservazzjoni u d-data, u s-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kif ukoll miżuri ġodda b'mod partikolari protokoll ġdid għat-tlugħ abbord u l-ispezzjonijiet fl-ibħra internazzjonali, inklużi proċeduri għal allegat ksur, miżuri dwar it-tniġġis tal-baħar u dwar l-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd. | (7) Fil-laqgħat annwali tagħha tal-2018, tal-2019, tal-2020, tal-2021, tal-2022, tal-2023 u tal-2024, il-Kummissjoni SPRFMO adottat miżuri ulterjuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha relatati mas-sajd tal-qiegħ, it-trażbord, l-għeżula, il-programmi ta' osservazzjoni u d-data, u s-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kif ukoll miżuri ġodda b'mod partikolari protokoll ġdid għat-tlugħ abbord u l-ispezzjonijiet fl-ibħra internazzjonali, inklużi proċeduri għal allegat ksur, miżuri dwar it-tniġġis tal-baħar u dwar l-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd***; ir-rekwiżiti l-ġodda jridu jiġu kkoordinati kif suppost mal-Istati Membri biex tiġi żgurata l-vijabbiltà teknika u ekonomika tagħhom, speċjalment f'reġjuni milquta minn deċiżjonijiet ta' ġestjoni reċenti kontroversjali ħafna, bħat-tnaqqis propost għall-flotot tat-tkarkir fil-Mediterran, li jheddu l-kontinwità tas-settur u jżidu d-dipendenza mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.*** |

Or. es

**Emenda 277**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(8) Dawk il-miżuri huma vinkolanti għall-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 278**
**Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Fil-laqgħat annwali tagħha fl-2023 u fl-2024, in-NAFO adottat miżuri ulterjuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha fir-rigward tal-bakkaljaw fid-Diviżjonijiet 2J3KL inklużi l-għeluq, il-qabdiet aċċessorji u ż-żamma abbord, l-osservaturi, is-sorveljanza, u l-proċedura addizzjonali rilevanti għal ksur serju. | (10) Fil-laqgħat annwali tagħha fl-2023 u fl-2024, in-NAFO adottat miżuri ulterjuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha fir-rigward tal-bakkaljaw fid-Diviżjonijiet 2J3KL inklużi l-għeluq, il-qabdiet aċċessorji u ż-żamma abbord, l-osservaturi, is-sorveljanza, u l-proċedura addizzjonali rilevanti għal ksur serju***; barra minn hekk kwalunkwe restrizzjoni futura fuq l-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ f'żoni sensittivi tal-Atlantiku trid tiddistingwi bejn tekniki b'impatti li jvarjaw b'mod ċar; b'mod partikolari, is-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ, minħabba n-natura selettiva ħafna tiegħu u l-impatt limitat tiegħu fuq l-ekosistemi tal-qiegħ, jenħtieġ li jiġi eskluż mill-projbizzjonijiet applikabbli fis-87 żona tal-Atlantiku milquta. L-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet ġenerali mingħajr din id-distinzjoni tipperikola l-vijabbiltà ta' segmenti sostenibbli tal-flotta mingħajr ma tipprovdi benefiċċji ambjentali reali.*** |

Or. es

**Emenda 279**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(11) Dawk il-miżuri huma vinkolanti għall-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 280**
**Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Dawn il-miżuri huma vinkolanti għall-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. | (11) Dawn il-miżuri huma vinkolanti għall-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni***; filwaqt li tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tal-kumpaniji tas-sajd, u filwaqt li jitqies dejjem l-impatt soċjoekonomiku fuq ir-reġjuni kostali dipendenti.*** |

Or. es

**Emenda 281**
**Nora Junco García, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Fil-laqgħat annwali tagħha tal-2020, tal-2021, tal-2022, tal-2023 u tal-2024, l-IATTC adottat miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha relatati mal-attivazzjonijiet tal-baga tal-irkaptu biex jinġema' l-ħut (FAD, fish aggregating devices), it-tnaqqis | (13) Fil-laqgħat annwali tagħha tal-2020, tal-2021, tal-2022, tal-2023 u tal-2024, l-IATTC adottat miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha relatati mal-attivazzjonijiet tal-baga tal-irkaptu biex jinġema' l-ħut (FAD, fish aggregating devices), it-tnaqqis |

| | |
|---|---|
| tat-tħabbil tal-FADs u l-użu ta' materjali bijodegradabbli, ir-rapport tal-qabdiet ta' tonn blu tal-Paċifiku, ir-rekwiżiti minimi tad-data dwar il-bastimenti, il-bidliet fis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, l-introduzzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ elettroniku, inklużi l-ġbir ta' data dwar is-sajd, il-protezzjoni tat-tawri seta, ir-rilaxx sikur tal-klieb il-baħar, il-ġbir ta' data dwar l-ispeċijiet ta' klieb il-baħar, u aġġornamenti għar-rapporti ta' konformità. | tat-tħabbil tal-FADs u l-użu ta' materjali bijodegradabbli, ir-rapport tal-qabdiet ta' tonn blu tal-Paċifiku, ir-rekwiżiti minimi tad-data dwar il-bastimenti, il-bidliet fis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, l-introduzzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ elettroniku, inklużi l-ġbir ta' data dwar is-sajd, il-protezzjoni tat-tawri seta, ir-rilaxx sikur tal-klieb il-baħar, il-ġbir ta' data dwar l-ispeċijiet ta' klieb il-baħar, u aġġornamenti għar-rapporti ta' konformità***; is-sistemi ta' ġbir u traċċar tad-data jenħtieġ li jkunu ggarantiti b'mod affidabbli; filwaqt li jiġi indirizzat it-tħassib dwar każijiet reċenti ta' nuqqas ta' trasparenza jew dewmien fis-sottomissjoni tad-data minn ċerti Stati Membri, li jdgħajfu l-kredibbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ Ewropea.*** |

Or. es

**Emenda 282**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(14) Dawk il-miżuri huma vinkolanti għall-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 283**
**Volker Schnurrbusch**
f'isem il-Grupp ESN
**Siegbert Frank Droese**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Fil-laqgħat annwali tagħha tal-2022 u tal-2023, id-WCPFC adottat miżuri relatati ma' servizzi ta' bunkering u l-protezzjoni tal-klieb il-baħar u l-użu ta' brazzoli, xbieki gwida magħmula mill-wajer u kalamenti tal-klieb il-baħar minn bastimenti tas-sajd bil-konz tal-Unjoni bi projbizzjoni taż-żamma tal-klieb il-baħar u l-obbligu ta' rilaxx, kif ukoll iċ-ċediment jew l-iskartar ta' eżemplari ta' klieb il-baħar tal-qarnuta bajda oċeaniċi u ta' tawri seta li jinqabdu b'mod mhux intenzjonat. | (16) Fil-laqgħat annwali tagħha tal-2022 u tal-2023, id-WCPFC adottat miżuri relatati ma' servizzi ta' bunkering u l-protezzjoni tal-klieb il-baħar u l-użu ta' brazzoli, xbieki gwida magħmula mill-wajer u kalamenti tal-klieb il-baħar minn bastimenti tas-sajd bil-konz tal-Unjoni bi projbizzjoni taż-żamma tal-klieb il-baħar u l-obbligu ta' rilaxx, kif ukoll iċ-ċediment jew l-iskartar ta' eżemplari ta' klieb il-baħar tal-qarnuta bajda oċeaniċi u ta' tawri seta li jinqabdu b'mod mhux intenzjonat. ***Jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura wkoll li l-flotot ta' pajjiżi terzi li joperaw skont ir-regoli tad-WCPFC ikunu konformi mal-istess livell ta' monitoraġġ u kontroll, billi infurzar b'mod mhux ugwali jimmina l-kompetittività tal-operaturi tal-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 284**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) Dawk il-miżuri huma vinkolanti għall-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 285**
**Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (19) Sussegwentement, fil-laqgħat annwali tagħha tal-2022, tal-2023 u tal-2024 u fis-sitt sessjoni speċjali tagħha, l-IOTC adottat miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha fir-rigward tal-ġestjoni ta' rkaptu ankrat u mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut, il-waqfien volontarju mis-sajd, it-trażbordi, il-miżuri ta' konservazzjoni għaċ-ċetaċji u għall-għasafar tal-baħar, l-iskemi ta' osservazzjoni reġjonali, il-pjanijiet ta' monitoraġġ tal-bastimenti, l-istandards ta' monitoraġġ elettroniku u l-ispezzjonijiet tal-port. | (19) Sussegwentement, fil-laqgħat annwali tagħha tal-2022, tal-2023 u tal-2024 u fis-sitt sessjoni speċjali tagħha, l-IOTC adottat miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha fir-rigward tal-ġestjoni ta' rkaptu ankrat u mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut, il-waqfien volontarju mis-sajd, it-trażbordi, il-miżuri ta' konservazzjoni għaċ-ċetaċji u għall-għasafar tal-baħar, l-iskemi ta' osservazzjoni reġjonali, il-pjanijiet ta' monitoraġġ tal-bastimenti, l-istandards ta' monitoraġġ elettroniku u l-ispezzjonijiet tal-port***; il-miżuri adottati jenħtieġ li jqisu r-realtà soċjoekonomika tal-flotot u jiżguraw li l-obbligi addizzjonali ma jimminawx il-kompetittività tal-flotta Ewropea fil-konfront ta' pajjiżi terzi li l-istandards ambjentali u tax-xogħol tagħhom huma aktar baxxi b'mod sinifikanti.*** |

Or. es

**Emenda 286**
**Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Ir-Riżoluzzjoni 24/06 tal-IOTC implimentat projbizzjoni fuq l-iskartar ta' tonn obeż, palamit, tonn isfar, u speċijiet mhux fil-mira li jinqabdu minn bastimenti fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni tal-IOTC li joperaw fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw tipi differenti ta' rkaptu għajr dak użat mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża huma mħeġġa jżommu abbord u mbagħad iħottu l-art il-ħut kollu tajjeb għall-konsum mill-bniedem, u jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw ir-rilaxx sikur tal-ispeċijiet mhux fil-mira meħuda ħajjin, sa fejn ikun possibbli, | (20) Ir-Riżoluzzjoni 24/06 tal-IOTC implimentat projbizzjoni fuq l-iskartar ta' tonn obeż, palamit, tonn isfar, u speċijiet mhux fil-mira li jinqabdu minn bastimenti fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni tal-IOTC li joperaw fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw tipi differenti ta' rkaptu għajr dak użat mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża huma mħeġġa jżommu abbord u mbagħad iħottu l-art il-ħut kollu tajjeb għall-konsum mill-bniedem, u jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw ir-rilaxx sikur tal-ispeċijiet mhux fil-mira meħuda ħajjin, sa fejn ikun possibbli, |

| | |
|---|---|
| filwaqt li titqies is-sikurezza tal-ekwipaġġ u jżommu abbord u sussegwentement iħottu l-ispeċi mejta kollha mhux fil-mira, ħlief dawk meqjusa mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jew li ż-żamma tagħhom hija pprojbita. | filwaqt li titqies is-sikurezza tal-ekwipaġġ u jżommu abbord u sussegwentement iħottu l-ispeċi mejta kollha mhux fil-mira, ħlief dawk meqjusa mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jew li ż-żamma tagħhom hija pprojbita***; l-implimentazzjoni ta' din il-miżura jenħtieġ li tkun pragmatika u flessibbli, filwaqt li tiżgura li l-operaturi tal-Unjoni ma jiġux penalizzati għal qabdiet inċidentali inevitabbli meta jkunu wrew id-diliġenza dovuta, u tiżgura li l-infrastruttura tal-port fir-reġjun tkun adegwata biex timmaniġġja tali żbarki mingħajr ma tfixkel l-attività loġistika tal-flotta.*** |
| | Or. es |

**Emenda 287**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Dawn il-miżuri huma vinkolanti għall-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. | (21) Dawn il-miżuri***, li huma ġejjin mill-ICCAT, mill-SPRFMO, min-NAFO, mill-IATTC, mid-WCPFC u mill-IOTC*** huma vinkolanti għall-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni ***b'mod li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni fil-konfront ta' operaturi minn partijiet kontraenti oħrajn, ħlief meta tali rakkomandazzjonijiet ikunu diġà indirizzati u koperti b'mod sħiħ mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni***. |
| | Or. en |

**Emenda 288**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Ir-rakkomandazzjonijiet iridu jiġu trasposti b'mod strett, sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi kollha, filwaqt li jiġu minimizzati l-piżijiet amministrattivi u jiġi evitat kwalunkwe obbligu lil hinn minn dawk stabbiliti mir-rakkomandazzjonijiet.*** |

Or. en

**Emenda 289**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21b) Huwa imperattiv li l-Unjoni tqis bir-reqqa l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi tal-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd u, meta jkun xieraq, tevalwa l-impatt tagħhom fuq is-settur tas-sajd u l-komunitajiet kostali. Tali miżuri jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli u jikkonformaw mal-Artikolu 2 tal-Politika Komuni tas-Sajd, u b'hekk jiżguraw il-vijabbiltà u l-kompetittività tas-sajd tal-UE, jippromwovu kapaċità tal-flotot sostenibbli, u jappoġġaw l-iżvilupp tas-sajd kostali.*** |

Or. en

**Emenda 290**
**Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Ċerti dispożizzjonijiet tal-SPRFMO, tan-NAFO, tal-IATTC, tal-IOTC u tal-ICCAT qed jiġu emendati b'mod aktar frekwenti u x'aktarx li jiġu emendati fil-laqgħat annwali futuri tal-SPRFMO, tan-NAFO, tal-IATTC, tal-IOTC u tal-ICCAT. Sabiex tali emendi futuri jiġu implimentati malajr fid-dritt tal-Unjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***kif ġej***: i) fir-rigward tal-SPRFMO għal-limiti taż-żmien, id-distanza għaż-żona tas-sejba, id-distanzi relatati man-notifika tat-trażbord, ir-rekwiżiti tad-data u tal-informazzjoni, u l-forniment ta' reġistru tal-informazzjoni dwar il-bastimenti; fir-rigward tan-NAFO, għall-miżuri relatati mad-dmirijiet tal-Istati Membri relatati mas-sottomissjoni ta' bidliet fil-qabdiet aċċessorji miżmuma, il-perjodi ta' waqfien mis-sajd, il-kwalifiki tal-osservaturi, id-dmirijiet, it-taħriġ, il-validazzjonijiet tad-data tal-osservaturi, it-tagħmir ta' sikurezza tal-osservaturi, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-operaturi u l-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni, il-proċeduri f'każ ta' emerġenza; ii) fir-rigward tas-CEM tan-NAFO, il-bidliet fil-perjodi ta' waqfien mis-sajd, iż-żamma tal-qabdiet abbord, id-dmirijiet tal-kaptan relatati mal-irkaptu abbandunat, l-irkupru tiegħu, id-derogi mill-programm ta' osservazzjoni, u r-referenza għad-dokument tal-ilmiħ tal-bastimenti li għandu jintuża mill-Istati Membri; iii) fir-rigward tal-IATTC, fir-rigward tal-miżuri relatati mar-referenzi tal-IATTC għal-linji gwida għar-rilaxx sikur tal-klieb il-baħar, u l-kwestjonarju tal-Istati Membri dwar il-konformità; iv) fir-rigward tal-IOTC, fir-rigward tal-miżuri relatati mal-obbligi ta' rapportar tal-FADs tal-IOTC, u (v) għall-iskadenzi tar-regolamentazzjoni tal-ICCAT għat-tonn għall-obbligi ta' rapportar, il-perjodi ta' żmien għall-istaġuni tas-sajd, il-punti perċentwali u ta' referenza u l- | (22) Ċerti dispożizzjonijiet tal-SPRFMO, tan-NAFO, tal-IATTC, tal-IOTC u tal-ICCAT qed jiġu emendati b'mod aktar frekwenti u x'aktarx li jiġu emendati fil-laqgħat annwali futuri tal-SPRFMO, tan-NAFO, tal-IATTC, tal-IOTC u tal-ICCAT. Sabiex tali emendi futuri jiġu implimentati malajr fid-dritt tal-Unjoni, ***mingħajr ma l-ħtieġa ta' ħeffa tintuża biex jiġu introdotti restrizzjonijiet addizzjonali li ma jkunux ġew diskussi kif xieraq mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa*** li ***tadotta*** atti ***skont*** l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***.*** ***Importanti li jkun hemm monitoraġġ imsaħħaħ biex jiġi evitat li l-atti delegati jintużaw unilateralment biex jiġi impost aktar tnaqqis fl-isforz tas-sajd, bħal dawk proposti reċentement għall-Mediterran, li ntlaqgħu b'rifjut wiesa' mis-setturi affettwati u li jistgħu jipperikolaw il-vijabbiltà soċjoekonomika tal-komunitajiet tas-sajd. Fuq din il-bażi, is-setgħat delegati jenħtieġ li jiġu eżerċitati strettament fil-limiti definiti mil-leġiżlatur u applikati skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:*** i) fir-rigward tal-SPRFMO għal-limiti taż-żmien, id-distanza għaż-żona tas-sejba, id-distanzi relatati man-notifika tat-trażbord, ir-rekwiżiti tad-data u tal-informazzjoni, u l-forniment ta' reġistru tal-informazzjoni dwar il-bastimenti; fir-rigward tan-NAFO, għall-miżuri relatati mad-dmirijiet tal-Istati Membri relatati mas-sottomissjoni ta' bidliet fil-qabdiet aċċessorji miżmuma, il-perjodi ta' waqfien mis-sajd, il-kwalifiki tal-osservaturi, id-dmirijiet, it-taħriġ, il-validazzjonijiet tad-data tal-osservaturi, it-tagħmir ta' sikurezza tal-osservaturi, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-operaturi u l-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni, il-proċeduri f'każ ta' emerġenza; ii) fir-rigward tas-CEM tan-NAFO, il-bidliet fil-perjodi ta' waqfien mis-sajd, iż-żamma tal-qabdiet abbord, id-dmirijiet tal- |

informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni.

kaptan relatati mal-irkaptu abbandunat, l-irkupru tiegħu, id-derogi mill-programm ta' osservazzjoni, u r-referenza għad-dokument tal-ilmiħ tal-bastimenti li għandu jintuża mill-Istati Membri; iii) fir-rigward tal-IATTC, fir-rigward tal-miżuri relatati mar-referenzi tal-IATTC għal-linji gwida għar-rilaxx sikur tal-klieb il-baħar, u l-kwestjonarju tal-Istati Membri dwar il-konformità; iv) fir-rigward tal-IOTC, fir-rigward tal-miżuri relatati mal-obbligi ta' rapportar tal-FADs tal-IOTC, u (v) għall-iskadenzi tar-regolamentazzjoni tal-ICCAT għat-tonn għall-obbligi ta' rapportar, il-perjodi ta' żmien għall-istaġuni tas-sajd, il-punti perċentwali u ta' referenza u l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni.

Or. es

**Emenda 291**
**Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13] . B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. | (23) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti ***u mar-rappreżentanti diretti tas-settur tas-sajd (bħall-Kunsilli Konsultattivi u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi)***, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]**,** ***bil-għan li jiġi żgurat li l-atti delegati jkunu xierqa għar-realtà operattiva tal-flotta***. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l- |

esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. es

**Emenda 292**
**Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati, | (23) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati ***kif ukoll jużaw il-possibbiltà li l-Kummissjoni tista' tiġi mistiedna għal laqgħat fil-Parlament Ewropew jew fil-Kunsill sabiex ikollha aktar skambju ta' perspettivi dwar it-tħejjija ta' atti delegati***, |

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. en

**Emenda 293**
**Thomas Bajada**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkomunika mal-Parlament u mal-Kunsill biex tiddiskuti l-proċess ta' traspożizzjoni konġunt tal-RFMOs billi diversi regolamenti differenti jiġu emendati qabel l-adozzjoni li jmiss, u wara jenħtieġ li tivvaluta l-proċess 3 snin wara l-pubblikazzjoni tar-regolament attwali, u kull 3 snin minn dik id-data.*** |

Or. en

**Emenda 294**
**Volker Schnurrbusch**
f'isem il-Grupp ESN
**Siegbert Frank Droese**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-RFMOs trid tirrispetta l-prerogattivi tal-Istati Membri. Jenħtieġ li t-traspożizzjoni ma ddgħajjifx l-awtonomija nazzjonali u lanqas timponi obbligi sproporzjonati fuq sajd fuq skala żgħira, b'mod partikolari fil-Mediterran, li mhumiex is-sors ta' kapaċità żejda.*** |

Or. en

**Emenda 295**
**Volker Schnurrbusch**
f'isem il-Grupp ESN
**Siegbert Frank Droese**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23b) Meta l-miżuri tal-RFMO jonqsu b'mod konsistenti li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-flotot ta' pajjiżi terzi jew jimponu restrizzjonijiet żbilanċjati fuq operaturi tal-Unjoni, l-Unjoni jenħtieġ li tqis mill-ġdid l-appoġġ tagħha għal tali miżuri u, meta jkun xieraq, jenħtieġ li tfittex ir-reviżjoni tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 296**
**Thomas Bajada**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2021/2107
Artikolu 33a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Minbarra l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru, bastiment ma għandux iżomm aktar minn eżemplar wieħed ta' pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku għal kwalunkwe vjaġġ tas-sajd. | 7. Minbarra l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru, bastiment ma għandux iżomm aktar minn eżemplar wieħed ta' pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku għal kwalunkwe vjaġġ tas-sajd. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda li ġejja se tissostitwixxi l-emenda 6.*

**Emenda 297**
**Séverine Werbrouck, Ton Diepeveen, António Tânger Corrêa**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2017/2107
Artikolu 35a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni għandhom jirrilaxxaw minnufih, sa fejn ikun prattikabbli, ir-raj tal-qrun, mingħajr ma ssirlu ħsara, malli jidher fix-xibka, fuq is-sunnara jew fuq il-bastiment b'mod li se jirriżulta fl-inqas ħsara possibbli lill-individwu. | 2. Il-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni għandhom jirrilaxxaw minnufih, sa fejn ikun prattikabbli ***u filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet tekniċi u tas-sigurtà***, ir-raj tal-qrun, mingħajr ma ssirlu ħsara, malli jidher fix-xibka, fuq is-sunnara jew fuq il-bastiment b'mod li se jirriżulta fl-inqas ħsara possibbli lill-individwu. |

Or. fr

**Emenda 298**
**Thomas Bajada**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt d**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 4 – punt 20

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) "reġistru tal-SPRFMO tal-bastimenti ta' spezzjoni awtorizzati u tal-awtoritajiet tal-bastimenti ta' spezzjoni" tfisser il-lista ta' bastimenti ta' spezzjoni u ta' awtoritajiet awtorizzati biex iwettqu tlugħ abbord u spezzjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO, kif innotifikata mill-Partijiet Kontraenti u mis-CNCPs, li tinżamm mis-Segretarjat tal-SPRFMO; | (20) "reġistru tal-SPRFMO tal-bastimenti ta' spezzjoni awtorizzati u tal-awtoritajiet tal-bastimenti ta' spezzjoni" tfisser il-lista ta' bastimenti ta' spezzjoni u ta' awtoritajiet awtorizzati biex iwettqu tlugħ abbord u spezzjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO, kif innotifikata ***mill-Kummissjoni jew mill-EFCA,*** mill-Partijiet Kontraenti u mis-CNCPs, li tinżamm mis-Segretarjat tal-SPRFMO***. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni jew mal-EFCA dwar il-bastimenti ta' spezzjoni tagħhom u l-awtoritajiet awtorizzati li jitilgħu abbord u jispezzjonaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda li ġejja se tissostitwixxi l-emenda 18.*

**Emenda 299**
**Séverine Werbrouck, António Tânger Corrêa**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Is-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO skont dan il-Kapitolu għandu jsir biss fiż-żoni ta' ġestjoni tat-tkarkir tal-qiegħ, tat-tkarkir pelaġiku, u tas-sajd tal-qiegħ bix-xlief stabbiliti fl-Anness XIV. F'dawk iż-żoni: | 1. Is-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO skont dan il-Kapitolu għandu jsir biss fiż-żoni ta' ġestjoni tat-tkarkir tal-qiegħ, tat-tkarkir pelaġiku, u tas-sajd tal-qiegħ bix-xlief stabbiliti fl-Anness XIV***, billi dawn jirriżultaw mid-deċiżjonijiet restringenti adottati fl-SPRFMO***. F'dawk iż-żoni: |

Or. fr

**Emenda 300**
**Séverine Werbrouck**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 13 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom beħsiebhom iwettqu attivitajiet ta' sajd tal-qiegħ fiż-żoni ta' ġestjoni stabbiliti fl-Anness XIV għandhom jissottomettu talba għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***75*** jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO li fiha jixtiequ li tiġi kkunsidrata t-talba. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi t- | 2. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom beħsiebhom iwettqu attivitajiet ta' sajd tal-qiegħ fiż-żoni ta' ġestjoni stabbiliti fl-Anness XIV għandhom jissottomettu talba għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***45*** jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO li fiha jixtiequ li tiġi kkunsidrata t-talba. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi t- |

| | |
|---|---|
| talba lis-Segretarjat tal-SPRFMO sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-Laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO. It-talba għandu jkun fiha valutazzjoni tal-impatt tas-sajd tal-qiegħ tal-attivitajiet tas-sajd proposti. | talba lis-Segretarjat tal-SPRFMO sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-Laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO. It-talba għandu jkun fiha valutazzjoni ***preliminari*** tal-impatt tas-sajd tal-qiegħ tal-attivitajiet tas-sajd proposti. |
| | Or. fr |

**Emenda 301**
**Thomas Bajada**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 14 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-Istati Membri*** għandhom jirrapportaw is-sejbiet tal-VMEs ***lill-Kummissjoni*** abbażi tal-linji gwida stabbiliti fl-Anness IV inkluża deskrizzjoni dettaljata tas-sejba***,*** tqabbil tas-sejba mal-mudell tat-tbassir eżistenti, u azzjonijiet ta' ġestjoni ssuġġeriti biex jiġu evitati impatti negattivi sinifikanti fuq ***l-VMEs***, sabiex jiġi vverifikat jekk huwiex probabbli li VME tkun preżenti fiż-żona tas-sejba u/jew fiż-żona tal-madwar, jekk ikunx seħħ impatt negattiv sinifikanti, u r-riskju li jseħħ impatt negattiv sinifikanti fil-futur. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mingħajr dewmien. | 2. ***Il-bastimenti tas-sajd*** għandhom jirrapportaw is-sejbiet tal-VMEs ***lill-Istat Membru tal-bandiera*** abbażi tal-linji gwida stabbiliti fl-Anness IV inkluża deskrizzjoni dettaljata tas-sejba***. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jwettaq*** tqabbil tas-sejba mal-mudell tat-tbassir eżistenti, u azzjonijiet ta' ġestjoni ssuġġeriti biex jiġu evitati impatti negattivi sinifikanti fuq ***il-VMEs***, sabiex jiġi vverifikat jekk huwiex probabbli li VME tkun preżenti fiż-żona tas-sejba u/jew fiż-żona tal-madwar, jekk ikunx seħħ impatt negattiv sinifikanti, u r-riskju li jseħħ impatt negattiv sinifikanti fil-futur. ***L-Istat Membru għandu jibgħat dawk ir-rapporti lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.*** Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mingħajr dewmien. |
| | Or. en |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda li ġejja se tissostitwixxi l-emenda 30.*

**Emenda 302**
**Séverine Werbrouck**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) sa mhux aktar tard minn ***130*** jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, deskrizzjoni fil-qosor tal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd maħsub tagħhom għal skopijiet ta' informazzjoni, bl-użu tal-mudell għal deskrizzjoni fil-qosor tal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd[15] . Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mhux aktar tard minn 120 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO. | (a) sa mhux aktar tard minn ***75*** jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, deskrizzjoni fil-qosor tal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd maħsub tagħhom għal skopijiet ta' informazzjoni, bl-użu tal-mudell għal deskrizzjoni fil-qosor tal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd[15] . Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mhux aktar tard minn 120 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO. |
| [15] Disponibbli hawnhekk: https://www.sprfmo.int/science/ | [15] Disponibbli hawnhekk: https://www.sprfmo.int/science/ |

Or. fr

**Emenda 303**
**Volker Schnurrbusch**
f'isem il-Grupp ESN
**Siegbert Frank Droese**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 24 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-każ tat-trażbord ta' riżorsi tas-sajd maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċeventi għandu jibgħat fl-istess ħin lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO, mill-inqas 36 siegħa qabel il-ħin | 1. Fil-każ tat-trażbord ta' riżorsi tas-sajd maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċeventi għandu jibgħat fl-istess ħin lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO***, filwaqt li jiżgura li kwalunkwe*** |

| | |
|---|---|
| stmat tal-bidu ta' tali trażbord, in-notifika antiċipata tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness VII. Tali notifika hija meħtieġa irrispettivament minn fejn ikun seħħ it-trażbord. | ***korp maħtur ma jkunx jista' jinterferixxi mal-proċedura ta' kontroll nazzjonali jew jikkanċellaha***, mill-inqas 36 siegħa qabel il-ħin stmat tal-bidu ta' tali trażbord, in-notifika antiċipata tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness VII. Tali notifika hija meħtieġa irrispettivament minn fejn ikun seħħ it-trażbord. |
| | Or. en |

**Emenda 304**
**Volker Schnurrbusch**
f'isem il-Grupp ESN
**Siegbert Frank Droese**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 24 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jekk it-trażbord imsemmi fil-paragrafu 1 ma jibdiex fi żmien 72 siegħa mill-ħin tal-bidu stmat tat-trażbord notifikat jew f'50 mil nawtiku mill-post stmat notifikat fin-notifika antiċipata tat-trażbord, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċeventi għandu jinnotifika fl-istess ħin lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO bl-informazzjoni modifikata dwar in-notifika avvanzata tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness VII mill-aktar fis possibbli. | 2. Jekk it-trażbord imsemmi fil-paragrafu 1 ma jibdiex fi żmien 72 siegħa mill-ħin tal-bidu stmat tat-trażbord notifikat jew f'50 mil nawtiku mill-post stmat notifikat fin-notifika antiċipata tat-trażbord, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċeventi għandu jinnotifika fl-istess ħin lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO bl-informazzjoni modifikata dwar in-notifika avvanzata tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness VII mill-aktar fis possibbli. ***Tali notifiki ma għandhomx jidduplikaw sistemi ta' rapportar nazzjonali eżistenti u jistgħu jitwettqu permezz ta' notifika waħda mibgħuta mill-awtorità nazzjonali kompetenti.*** |
| | Or. en |

**Emenda 305**

**Volker Schnurrbusch**
f'isem il-Grupp ESN
**Siegbert Frank Droese**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 24 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jekk ma jseħħx trażbord notifikat, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċeventi għandu fl-istess ħin jinnotifika lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol wara l-ħin notifikat tat-trażbord." | 3. Jekk ma jseħħx trażbord notifikat, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċeventi għandu fl-istess ħin jinnotifika lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPRFMO malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol wara l-ħin notifikat tat-trażbord." ***Tali notifiki ma għandhomx jidduplikaw sistemi ta' rapportar nazzjonali eżistenti u jistgħu jitwettqu permezz ta' notifika waħda mibgħuta mill-awtorità kompetenti nazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 306**
**Séverine Werbrouck**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 25 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-osservatur għandu jimla l-folja tal-ġurnal ta' abbord tal-osservatur tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness VIII u jipprovdi din l-informazzjoni b'mod elettroniku lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li l-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċevitur itajjar il-bandiera tiegħu mhux aktar tard minn ***20 jum*** mill-iżbark. | 5. L-osservatur għandu jimla l-folja tal-ġurnal ta' abbord tal-osservatur tat-trażbord tal-SPRFMO f'konformità mal-Anness VIII u jipprovdi din l-informazzjoni b'mod elettroniku lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li l-bastiment tas-sajd tal-Unjoni riċevitur itajjar il-bandiera tiegħu mhux aktar tard minn ***5 ijiem*** mill-iżbark. |

Or. fr

**Emenda 307**
**Séverine Werbrouck, Ton Diepeveen, António Tânger Corrêa**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28p – paragrafu 2 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-ikel, l-akkomodazzjoni u l-faċilitajiet sanitarji ***ta' standard ekwivalenti għal dawk normalment disponibbli għal uffiċjal abbord il-bastiment*** kif ukoll faċilitajiet mediċi li jissodisfaw l-istandards marittimi internazzjonali; | (h) l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-ikel, l-akkomodazzjoni u l-faċilitajiet sanitarji***, fil-limiti ta' akkomodazzjoni tal-bastiment u mingħajr ma jiġu kompromessi l-kundizzjonijiet minimi ta' għajxien għall-ekwipaġġ,*** kif ukoll faċilitajiet mediċi li jissodisfaw l-istandards marittimi internazzjonali; |

Or. fr

**Emenda 308**
**Séverine Werbrouck, Ton Diepeveen, António Tânger Corrêa**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28s – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jiżguraw li l-bastimenti li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO jinkludu spazju adegwat għall-osservatur biex iwettaq kampjunar ta' qabdiet aċċessorji jew kampjunar ieħor kif meħtieġ, b'mod sikur li jillimita t-tfixkil tal-operazzjonijiet tal-bastimenti, bi stazzjon tal-kampjuni ddedikat u tagħmir ieħor bħal imwieżen; | (e) jiżguraw li l-bastimenti li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO***, fil-limiti tar-restrizzjonijiet tekniċi u operattivi ta' kull bastiment,*** jinkludu spazju adegwat għall-osservatur biex iwettaq kampjunar ta' qabdiet aċċessorji jew kampjunar ieħor kif meħtieġ, b'mod sikur li jillimita t-tfixkil tal-operazzjonijiet tal-bastimenti, bi stazzjon tal-kampjuni ddedikat u tagħmir ieħor bħal imwieżen; |

Or. fr

**Emenda 309**
**Séverine Werbrouck, Ton Diepeveen, António Tânger Corrêa**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28s – punt l

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (l) jipprovdu lill-osservatur, waqt li jkun abbord il-bastiment, mingħajr spejjeż għall-osservatur, għall-programm ta' osservazzjoni jew għall-fornitur tas-servizz, b'ikel, akkomodazzjoni, kumditajiet sanitarji adegwati u faċilitajiet mediċi ta' standard ekwivalenti għal dawk normalment disponibbli għal uffiċjal abbord il-bastiment skont standards internazzjonali ġeneralment aċċettati; | (l) jipprovdu lill-osservatur, waqt li jkun abbord il-bastiment, mingħajr spejjeż għall-osservatur, għall-programm ta' osservazzjoni jew għall-fornitur tas-servizz, b'ikel, akkomodazzjoni, kumditajiet sanitarji adegwati u faċilitajiet mediċi ta' standard ekwivalenti għal dawk normalment disponibbli għal uffiċjal abbord il-bastiment skont standards internazzjonali ġeneralment aċċettati***, fil-limitu tal-kapaċitajiet ta' akkomodazzjoni tal-bastiment u mingħajr ma jiġu kompromessi l-kundizzjonijiet minimi ta' għajxien għall-ekwipaġġ***; |

Or. fr

**Emenda 310**
**Séverine Werbrouck, Ton Diepeveen, António Tânger Corrêa**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13**
Regolament (UE) 2018/975
Artikolu 28s – punt q

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (q) jipprovdu spazju adegwat lill-osservatur fil-pont jew f'żona oħra dežinjata għax-xogħol klerikali, kif ukoll spazju adegwat fuq il-gverta jew fil-fabbrika biex iwettaq id-dmirijiet tal-osservatur; | (q) jipprovdu spazju adegwat lill-osservatur***, fil-limiti tar-restrizzjonijiet tat-tqassim ta' kull bastiment,*** fil-pont jew f'żona oħra dežinjata għax-xogħol klerikali, kif ukoll spazju adegwat fuq il-gverta jew fil-fabbrika biex iwettaq id-dmirijiet tal-osservatur; |

Or. fr

**Emenda 311**
**Thomas Bajada**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (UE) 833/2019
Artikolu 30 – paragrafu 3 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b. tibgħat ir-rapport ta' sorveljanza lill-EFCA relatat ma' lemħ imsemmi fil-paragrafu 2 li għandha tibagħtu minnufih lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO ***biex jintbagħat lill-Parti Kontraenti li tkun l-Istat tal-bandiera tal-bastiment***; | b. tibgħat ir-rapport ta' sorveljanza lill-EFCA relatat ma' lemħ imsemmi fil-paragrafu 2 li għandha tibagħtu minnufih lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda li ġejja se tissostitwixxi l-emenda 135.*

**Emenda 312**
**Thomas Bajada**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1**
Ir-Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 4 – paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. ***Il-bastimenti*** tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jaqbżu l-limitu ta' qbid annwali tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ***ta' waqfien mis-sajd miżjud matul is-sena ta' wara. Il-perjodu*** ta' waqfien mis-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu għandu jiżdied b'10 ijiem addizzjonali*** għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 200 tunnellata metrika ta' tonn obeż ***matul is-sena ta' qabel.*** Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid | 1a. ***Għas-snin 2026 u 2027-2028, il-bastimenti*** tas-sajd bit-tartarun tal-borża li ***fis-sena preċedenti*** jaqbżu l-limitu ta' qbid annwali tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' waqfien mis-sajd ***itwal*** imsemmi fil-paragrafu 1 ***matul is-sena ta' wara, kif ġej:*** |

annwali ta’ 1 500 tunnellata metrika ta’ tonn obeż, il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 13-il jum**.** Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta’ qbid annwali ta’ 1 800 tunnellata metrika ta’ tonn obeż, il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd għandu jiżdied b’16-il jum; għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta’ qbid annwali ta’ 2 100 tunnellata metrika, il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd għandu jiżdied b’19-il jum; ***u*** għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta’ qbid annwali ta’ 2 400 tunnellata metrika, il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 22 jum, ***minbarra l-waqfien imsemmi fil-paragrafu 1***. Il-jiem addizzjonali ta’ waqfien mis-sajd skont ***dan*** il-paragrafu għandhom jiżdiedu, kif xieraq, mal-bidu tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw l-ewwel perjodu u mat-tmiem tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw it-tieni perjodu, sabiex l-għeluq tal-ewwel perjodu dejjem jintemm fit-8 ta’ Ottubru u t-tieni perjodu għandu dejjem jibda fid-9 ta’ Novembru ta’ kull sena.

***(a)*** għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta’ qbid annwali ta’ 1 200 tunnellata metrika ta’ tonn obeż***, il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd għandu jiżdied b’10 ijiem;***

***(b)*** għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta’ qbid annwali ta’ 1 500 tunnellata metrika ta’ tonn obeż, il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 13-il jum***;***

***(c)*** għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta’ qbid annwali ta’ 1 800 tunnellata metrika ta’ tonn obeż, il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd għandu jiżdied b’16-il jum;

***(d)*** għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta’ qbid annwali ta’ 2 100 tunnellata metrika, il-perjodu ta’ waqfien mis-sajd għandu jiżdied b’19-il jum;

| | |
|---|---|
| | ***(e)*** għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 2 400 tunnellata metrika, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 22 jum***;*** |
| | 1aa. Il-jiem addizzjonali ta' waqfien mis-sajd skont il-paragrafu ***1a*** għandhom jiżdiedu, kif xieraq, mal-bidu tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw l-ewwel perjodu u mat-tmiem tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw it-tieni perjodu, sabiex l-għeluq tal-ewwel perjodu dejjem jintemm fit-8 ta' Ottubru u t-tieni perjodu għandu dejjem jibda fid-9 ta' Novembru ta' kull sena. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda li ġejja se tissostitwixxi l-emenda 140.*

**Emenda 313**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 4 – paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jaqbżu l-limitu ta' qbid annwali tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' waqfien mis-sajd miżjud matul is-sena ta' wara. Il-perjodu ta' waqfien mis-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiżdied b'10 ijiem addizzjonali għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 200 tunnellata metrika ta' tonn obeż matul is-sena ta' qabel. Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 500 tunnellata metrika ta' tonn obeż, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd | 1a. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jaqbżu l-limitu ta' qbid annwali tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' waqfien mis-sajd miżjud matul is-sena ta' wara***, applikabbli mill-2026 sal-2028***. Il-perjodu ta' waqfien mis-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiżdied b'10 ijiem addizzjonali għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 200 tunnellata metrika ta' tonn obeż matul is-sena ta' qabel. Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 500 tunnellata metrika ta' tonn obeż, il- |

għandu jiżdied bi 13-il jum. Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 800 tunnellata metrika ta' tonn obeż, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied b'16-il jum; għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 2 100 tunnellata metrika, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied b'19-il jum; u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 2 400 tunnellata metrika, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 22 jum, minbarra l-waqfien imsemmi fil-paragrafu 1. Il-jiem addizzjonali ta' waqfien mis-sajd skont dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu, kif xieraq, mal-bidu tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw l-ewwel perjodu u mat-tmiem tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw it-tieni perjodu, sabiex l-għeluq tal-ewwel perjodu dejjem jintemm fit-8 ta' Ottubru u t-tieni perjodu għandu dejjem jibda fid-9 ta' Novembru ta' kull sena.

perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 13-il jum. Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 1 800 tunnellata metrika ta' tonn obeż, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied b'16-il jum; għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 2 100 tunnellata metrika, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied b'19-il jum; u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qabżu l-limitu ta' qbid annwali ta' 2 400 tunnellata metrika, il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għandu jiżdied bi 22 jum, minbarra l-waqfien imsemmi fil-paragrafu 1. Il-jiem addizzjonali ta' waqfien mis-sajd skont dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu, kif xieraq, mal-bidu tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw l-ewwel perjodu u mat-tmiem tal-waqfien mis-sajd għall-bastimenti li josservaw it-tieni perjodu, sabiex l-għeluq tal-ewwel perjodu dejjem jintemm fit-8 ta' Ottubru u t-tieni perjodu għandu dejjem jibda fid-9 ta' Novembru ta' kull sena.

Or. en

**Emenda 314**
**Emma Wiesner**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/56
Artikolu 10 – punt 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jistadu fiż-żoni ta' twelid tat-tawri seta identifikati mill-IATTC. | 9. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jistadu fiż-żoni ta' twelid tat-tawri seta identifikati mill-IATTC. ***L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar dawk iż-żoni disponibbli għall-operaturi tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 315**
**Séverine Werbrouck, António Tânger Corrêa**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 5a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipprojbixxu l-bastimenti tal-bandiera tagħhom milli jistadu għat-tonn obeż, għat-tonn isfar u għall-palamit fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC għal perjodu minimu ta' ***31*** jum konsekuttiv. Il-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu fiż-ŻEE ta' Stat Membru ***jistgħu*** jiġu esklużi. | 1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipprojbixxu l-bastimenti tal-bandiera tagħhom milli jistadu għat-tonn obeż, għat-tonn isfar u għall-palamit fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC għal perjodu minimu ta' ***20*** jum konsekuttiv. Il-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu fiż-ŻEE ta' Stat Membru***, fil-prinċipju,*** jiġu esklużi ***minn din il-projbizzjoni, ħlief jekk jiġi deċiż mod ieħor mill-Istat Membru***. |

Or. fr

**Emenda 316**
**Volker Schnurrbusch**
f'isem il-Grupp ESN
**Siegbert Frank Droese**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8a – paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw il-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru u l-bastimenti involuti esklużivament fis-sajd kostali fuq skala żgħira mill-obbligi relatati mal-użu, mal-monitoraġġ u mar-rapportar tad-DFAD,*** |

***fejn dawn il-bastimenti ma jużawx tali apparat fl-attivitajiet regolari tagħhom.***

Or. en

**Emenda 317**
**Volker Schnurrbusch**
f'isem il-Grupp ESN
**Siegbert Frank Droese**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8b – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) mill-1 ta' Jannar 2026, ma jibqgħux jużaw id-DFADs tal-kategorija V u jużaw biss id-DFADs tal-kategoriji I, II III u IV tal-bijodegradabbiltà kif definit fl-Anness III***;** | (a) mill-1 ta' Jannar 2026, ma jibqgħux jużaw id-DFADs tal-kategorija V u jużaw biss id-DFADs tal-kategoriji I, II III u IV tal-bijodegradabbiltà kif definit fl-Anness III***. Din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għall-apparat tas-sajd tradizzjonali jew artiġjanali li ma jintużax għall-aggregazzjoni industrijali u ma jikkontribwix għat-tnaqqis tal-istokk.*** |

Or. en

**Emenda 318**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Mill-1*** ta' Jannar 2026, id-DFADs għandhom jiġu mmarkati b'mod permanenti b'identifikatur uniku speċifiku tad-DFAD tal-IOTC kif ipprovdut mis-segretarjat tal-IOTC. L-immarkar għandu | 4. ***Ladarba jiġi stabbilit il-proċess tal-identifikatur tad-DFAD tal-IOTC u mhux qabel l-1*** ta' Jannar 2026, id-DFADs għandhom jiġu mmarkati b'mod permanenti b'identifikatur uniku speċifiku tad-DFAD tal-IOTC kif ipprovdut mis- |

| | |
|---|---|
| jkun separat mill-immarkar tal-baga tal-istrumenti. | segretarjat tal-IOTC. L-immarkar għandu jkun separat mill-immarkar tal-baga tal-istrumenti. |

Or. en

**Emenda 319**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jippreżentaw kull sena l-għadd ta' bagi tal-istrumenti assenjati lilhom sa tmiem kull sena kalendarja, inklużi bagi tal-istrumenti li jkunu ntilfu, jew ġew abbandunati u/jew skartati b'żona maqsuma bi grilja ta' 1° b'1° u bis-saffi tax-xahar u t-tip ta' DFAD lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom. ***L-informazzjoni għandha tiġi stratifikata*** skont il-flotta, is-sena, ix-xahar u grilja ta' 1x1 gradi, u espressa bħala l-għadd medju ta' kuljum ta' bagi tal-istrumenti attivi f'kull saff. L-Istati Membri għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 51(2). | 2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jippreżentaw kull sena l-għadd ta' bagi tal-istrumenti assenjati lilhom sa tmiem kull sena kalendarja, inklużi bagi tal-istrumenti li jkunu ntilfu, jew ġew abbandunati u/jew skartati b'żona maqsuma bi grilja ta' 1° b'1° u bis-saffi tax-xahar u t-tip ta' DFAD lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom. ***L-Istat Membru għandu jistratifika l-informazzjoni*** skont il-flotta, is-sena, ix-xahar u grilja ta' 1x1 gradi, u espressa bħala l-għadd medju ta' kuljum ta' bagi tal-istrumenti attivi f'kull saff. L-Istati Membri għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 51(2). |

Or. en

**Emenda 320**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 8c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Is-sidien tal-bagi*** għandhom jinkludu l-bagi użati qabel id-dħul fis-seħħ tar-Reġistru tal-irkaptu mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut u li jkunu għadhom attivi fl-1 ta' Jannar 2026 meta jidħol fis-seħħ ir-Reġistru tad-DFAD. | 5. ***L-Istati Membri*** għandhom jinkludu l-bagi użati qabel id-dħul fis-seħħ tar-Reġistru tal-irkaptu mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut u li jkunu għadhom attivi fl-1 ta' Jannar 2026 meta jidħol fis-seħħ ir-Reġistru tad-DFAD. |

Or. en

**Emenda 321**
**Volker Schnurrbusch**
f'isem il-Grupp ESN
**Siegbert Frank Droese**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 12**
Regolament (UE) 2022/2343
Artikolu 30 – paragrafu 6 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiżguraw li ***jiġi żviluppat*** Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti kif stabbilit fl-Anness 11 ***għal kull bastiment mgħammar b'tagħmir tal-EM*** u kkonsenjat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru. | (a) jiżguraw li Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti kif stabbilit fl-Anness 11 ***jiġi żviluppat*** u kkonsenjat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru***, li jżommu diskrezzjoni sħiħa biex jiddeterminaw jekk l-installazzjoni tal-EMS hijiex xierqa fid-dawl tal-karatteristiċi nazzjonali tal-flotot u r-realtajiet operazzjonali***. |

Or. en

**Emenda 322**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a**
Regolament (UE) 2023/2053
Artikolu 34 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri li fihom jinħatt l-art it-tonn jistgħu jistabbilixxu perjodu iqsar għan-notifika minn qabel ***imsemmija fil-paragrafu 1 għal dawk il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar inklużi fil-lista ta' bastimenti msemmija fl-Artikolu 26 li jaqbdu inqas minn tliet eżemplari ta' tonn jew inqas minn tunnellata waħda,*** filwaqt li jitqies it-tip ta' prodotti tas-sajd u d-distanza bejn iż-żoni tas-sajd u l-port jew is-sit tal-ħatt l-art, u dment li tali perjodu iqsar ta' notifika minn qabel ma jfixkilx il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jwettaq spezzjonijiet. | 3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri li fihom jinħatt l-art it-tonn jistgħu jistabbilixxu perjodu iqsar għan-notifika minn qabel filwaqt li jitqies it-tip ta' prodotti tas-sajd u d-distanza bejn iż-żoni tas-sajd u l-port jew is-sit tal-ħatt l-art, u dment li tali perjodu iqsar ta' notifika minn qabel ma jfixkilx il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jwettaq spezzjonijiet. ***L-Istati Membri jistgħu japplikaw din id-deroga biss lill-bastimenti msemmija fl-Artikolu 26 li jaqbdu inqas minn tliet eżemplari ta' tonn jew inqas minn tunnellata waħda. Meta l-qabdiet jittieħdu bejn il-ħin tan-notifika minn qabel u tal-wasla fil-port, il-kwantitajiet stmati ta' tonn miżmum abbord jistgħu jinbidlu fi kwalunkwe ħin qabel il-wasla.*** |

Or. en

**Emenda 323**
**Željana Zovko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 9**
Regolament (UE) 2023/2053
Artikolu 8 – paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut tista' tippermetti marġni ta' żball sa mhux iktar minn 5 % bejn l-għadd ta' individwi tat-tonn li jirriżulta ***mill-valutazzjoni tar-riport*** u l-għadd ta' individwi mistennija li jkunu preżenti fil-gaġġa. Meta d-differenza tkun tal-marġni akbar minn 5 %, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tordna r-rilaxx tal-għadd korrispondenti ta' individwi tat-tonn. L-operazzjoni ta' rilaxx għandha titwettaq f'konformità mal-Anness XII. Il-kumpens għad-differenzi bejn gaġeġ differenti fil-farm tal-ħut ma għandux ikun permess. | 1a. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut tista' tippermetti marġni ta' żball sa mhux iktar minn 5 % bejn l-għadd ta' individwi tat-tonn li jirriżulta ***mit-trasferiment li jsir ġol-farm*** u l-għadd ta' individwi mistennija li jkunu preżenti fil-gaġġa. Meta d-differenza tkun tal-marġni akbar minn 5 %, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tordna r-rilaxx tal-għadd korrispondenti ta' individwi tat-tonn. L-operazzjoni ta' rilaxx għandha titwettaq f'konformità mal-Anness XII. Il-kumpens għad-differenzi bejn gaġeġ differenti fil-farm tal-ħut ma għandux ikun permess. |

Or. en